# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 14

**It-Tnejn, 3 ta' Frar, 2020**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: Nil

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 14.01 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

14.01.01 Ma kienx hemm

## 14.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numri 11, 12 u 13)

14.02.01 Il-Minuti tas-seduti numri 11, 12 u 13, kienu ġew imqassma lill-kunsilliera minn qabel is-seduta u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

14.02.02 Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier Stanley Zammit fuq xi żbalji li kienu miktuba. Fir-rigward tal-Minuti numru 11 – paġna 4/9 (vers 11.4.12), is-sentenza kellha tiġi tinqara 'Is-Sur Stanley Zammit staqsa lis-Sindku'. Filwaqt li paġna 6/9 (vers 11.4.33) – trid titkompla s-sentenza bil-kliem: 'qegħdin nistennew linji gwida mir-Reġjun'. Dawn ġew emendati kif suppost.

Fil-Minuti numru 12 – paġna 3/5 (vers 13.3.10) – għandha tinqara 'fi Triq San Ġorġ'. Din ġiet emendata kif suppost.

Fil-Minuti numru 13 – paġna 4/6 (vers 12.9.1) – il-kelma trid tinqara 'l-ebda oġġezzjoni'. Din ġiet emendata kif suppost.

14.02.03 Il-proponent għal Minuti numru 11, kien il-kunsillier Stanley Zammit, sekondat mill-Kunsillier Josette Busuttil.

Il-proponent għal Minuti numru 12, kien il-viċi Sindku, sekondat mill-kunsillier Sandro Alex Caruana.

Il-proponent għal Minuti numru 13, kienet il-Kunsillier Maria Mifsud, sekondata mill-kunsillier Josette Busuttil.

14.02.04 Il-Minuti tas-seduti 11, 12 u 13 ġew iffirmati mis-Sur Sinku u mill-Aġent, Segretarju Eżekuttiv bħala d-dokumenti korretti.

## 14.03 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

14.03.01 Is-Sur Sindku informa lil kunsilliera fir-rigward tas-seduta li kien għadu kif kellu flimkien mas-Sindki kollha f'Malta u Għawdex fil-Parlament, fejn huwa saħaq li saħansitra lest li jagħlaq l-uffiċċju tal-Kunsill ġaladarba ma jintlaħaqx ftehim fir-rigward tal-pożizzjoni tas-sejħa għal Post tas-Segretarju Eżekuttiv. L-applikazzjoni għal dan il-post għalqet l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2020, f'nofsinhar. Għal din is-sejħa, il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet, fejn tlieta minnhom isimhom ma jidhirx fil-lista tal-pool għas-sejħa ta' Segretarju Eżekuttiv.

14.03.02 Is-Sur Sindku informa lil kunsilliera fejn huwa talab għal-laqgħa mal-Ministru Josè Herrera fuq din is-sitwazzjoni. Sa dan il-ħin, il-Kunsill kien għadu bla ebda risposta.

14.03.03 Għaldaqstant ġiet proposta d-data tal-interview għall-Ħamis, 6 ta' Frar, fl-erbgħa u nofs ta' waranofsinhar ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, filwaqt li l-għada l-Ġimgħa, 7 ta' Frar, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija, il-Kunsill ser ikun issejjaħ għal laqgħa straordinarja sabiex ttieħed azzjoni immedjata. Din kellha sseħħ biss jekk id-deputat Segretarju Eżekuttiv li ġie maħtur bħala s-segretarju tal-Bord tal-Għażla seta' jagħmel l-interview il-Ħamis, 6 ta' Frar.

14.03.04 Is-Sur Sindku kompla jisħaq li hemm bżonn li l-postijiet għal Segretarju Eżekuttiv u l-post għal sejħa ta' żewġt skrivani oħra, tissolva malajr kemm jista' jkun. Għaldaqstant is-Sur Sindku reġa talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jerġa jippubblika mill-ġdid is-sejħa għal żewġt skrivani fi skala 15.

14.03.05 Waqt id-diskors tas-Sur Sindku deher li kien hemm xi problema teknika fis-servizz tal-Live Streaming, li kien għal ħabta tas-sitta nieqes għaxra. Wara, is-seduta tkompliet kif suppost.

14.03.06 Is-Sur Sindku tkellem ukoll fuq l-estenzjoni tal-binja tal-Kunsill Lokali. Huwa spjega kif dalwaqt ser jiġu ssottometti l-pjanti meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar. In-nefqa hija stmata li ser tlaħħaq l-€40,000.00

## 14.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

14.04.01 Peress li l-ħin kien skada ħafna u ma kienx hemm ħin biżżejjed, saret mozzjoni fejn l-ittri jiġu scanned u mibgħuta mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv lil kull kunsillier, filwaqt li l-kunsilliera jieħdu ħsieb jittrattaw il-problemi marbuta mad-dekasteru tagħhom.

## 14.05 Petty Cash Expenses (għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2019)

14.05.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-Petty Cash għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2019, fejn ġew approvati mill-kunsilliera kollha.

## 14.06 Approvazzjoni finanzjarja (minn Ottubru sa Diċembru 2019)

14.06.01 Ir-Rapport finanzjarju ġie approvat mill-kunsilliera kollha. Il-proponent kien is-Sur Sindku, sekondat mill-kunsillier Stanley Zammit. Fir-rigward tal-kumpanija Alfred Gera & Sons, il-kunsillier Zammit xtaq jistaqsi għall-konferma tal-proviżjoni, dwar l-assi (Planning gain) u jekk il-U.I.F hiex inkluża?

## 14.07 Skeda ta' pagamenti matul Jannar 2020

14.07.01 L-iskeda Nru. 01/20 għal ħlasijiet – Rapport ta' xiri u pagamenti ġew approvati minbarra l-ħlasijiet relatati mal-kumpanija BOOM Consultancy (Mr Adrian Mifsud) f'paġna 2 (versi minn 31 sal-35), u ħlasijiet oħrajn relatati mal-kumpanija Galea Curmi Eng. Cons. F'paġna 4 (versi 67 u 68). Il-kunsilliera qegħdin jitolbu rapport dettaljat għal dawn il-ħlasijiet.

## 14.08 Approvazzjoni għall-kwotazzjoni tas-servizz tal-Live Streaming

14.08.01 Il-Kunsill talab għal żewġ kwotazzjonijiet oħra barra din preżentata mill-kumpanija li ġġib l-isem 'Correct Termination'. Din it-talba qiegħda ssir minħabba ċirkulari 19/2019 li ntbagħtet lill-Kunsill mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – datata 27 ta' Settembru, 2019.

14.08.02 Il-viċi Sindku saħaq li hemm bżonn li s-server tal-Kunsill irrid ikun jiflaħ għal dan is-servizz ġdid.

## 14.09 Approvazzjoni għall-ispejjeż relatati mat-tiswija tal-photocopier 'Canon' li tinsab fit-tieni sular u li l-aktar li tintuża mill-Uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali

14.09.01 Din it-talba ma ġietx approvata, l-ispejjeż, marbutin ma' din it-tiswija kienu jlaħħqu s-€637.53, li jkun jaqbel li jekk niġu bżonn, nagħmlu kuntratt tal-leasing.

## 14.10 Road Humps fi Triq il-Ġebel

14.10.01 Kienu ppreżentati tliet kwotazzjonijiet għall-istess xogħol. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni ppreżentata mill-kumpanija B. Grima & Sons, bi prezz ta' €3,018.20 (Vat inkluż);

14.10.02 Fir-rigward ir-road humps, kien hemm talba mressqa mill-kunsillier Mifsud għal St. John's street (biswit is-sweet home stationery) u Triq il-Port Ħieles;

14.10.03 Talba oħra fuq dan is-suġġett saret mill-kunsillier Busuttil għal Triq iċ-Ċief. Il-kunsillier Zammit ħa nota u wiegħed li ser ikun isegwi dawn it-talbiet, filwaqt li għandu wkoll jikkonsulta mal-perita tal-Kunsill;

14.10.04 Saret talba oħra minn residenti li joqogħdu fi Triq Gandofla, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles;

14.10.05 Il-viċi staqsa kemm ser jieħdu żmien sabiex jitlestew ir-road humps fi Triq il-Ġebel. Il-kunsillier wieġbu li għandhom jitlestew fi żmien tliet ġimgħat. Diġà saru l-applikazzjonijiet neċessarja mat-Transport Malta.

## 14.11 Tender BLC/T/8/2018 – Trasport provdut għall-anzjani (sponsorjat mill-Malta Freeport)

14.11.01 Il-Kunsill għandu bżonn jiċċekkja fuq dan it-tender li x'aktarx ser jiskadi fis-sena 2022, b'valur marbut ta' €4,000.00. Il-Kunsill irrid jistaqsi lill-Freeport jekk hiex lesta li tissponserja tliet ijiem minflok jumejn, ġaladarba d-Day Centre żied ġurnata oħra fil-ġimgħa;

14.11.02 Il-viċi sindku saħaq illi wasal iż-żmien li nipproponu trasport intern madwar il-lokalità jew naraw is-servizz provdut għall-anzjani bħal (Silver T – Tuc Tuc).

## 14.12 Sejħa għall-promozzjoni tal-Wirt Kulturali (Measure 3)

14.12.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega kif nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar flimkien mal-viċi kellhom laqgħa mal-GAL XLOKK fuq dan is-suġġett;

14.12.02 Il-kunsillier Zammit ġibed l-attenzjoni fuq Measures oħra li għad hemm pendenti, bħal Measure 1 – Restawr tal-pittura fil-kappella u Measure 4 tal-vertical gardens. Il-Measure 4 il-Kunsill irid jerġa' japplika għaliha sat-30 ta' Marzu, 2020. F'dan ir-rigward ħafna mid-dokumenti ppreżenatati lil GAL XLOKK għadhom validi, filwaqt li oħrajn iridu jiġu amendati kif meħtieġ.

## 14.13 Aġġornament fuq il-pożizzjoni għal sejħa fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv

14.13.01 Għal din is-sejħa, il-Kunsill irċieva erba' applikazzjonijiet mad-data tal-għeluq. Tlieta minn erbgħa huma illeġibbli minħabba li isimhom ma jidhirx fil-pool tas-segretarji eżekuttivi, filwaqt li l-applikazzjoni l-oħra ġiet ippreżentata mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant il-kunsilliera li jifformaw il-Bord tal-Ħatra pproponew id-data għall-interview il-Ħamis, 6 ta' Frar, dejjem jekk id-deputat segretarju eżekuttiv ikun jista' jattendi. Sar qbiel ukoll sabiex l-għada l-Ġimgħa, il-Kunsill jiltaqa' b'urġenza. Din il-laqgħa kienet suġġettiva dejjem jekk l-interview iseħħ fil-ġurnata ta' qabel.

## 14.14 Ittri u talbiet mibgħuta lil Kunsill

14.14.01 Talba lil Kunsill għal attività b'risq il-karità fil-Bajja s-Sabiħa. Data pproposta kienet tgħid, Sibt fix-xahar ta' Mejju – Il-Kunsill għandu jitlob għal aktar informazzjoni u jekk ikun hemm bżonn, anke ssir laqgħa mal-organizzatur;

14.14.02 Talba sabiex isir riċeviment ta' tieġ fil-Bajja s-Sabiħa, fejn it-talba saret sabiex tingħalaq parti privata mil-Bajja dakinhar tat-tieġ datat f'Ġunju – Il-Kunsill irrifjuta din it-talba;

14.14.03 Talba għall manutenzjoni ta' tabelli tat-toroq – Il-Kunsill kien diġà wettaq din ir-rikjesta;

14.14.04 Talba għal għajnuna minħabba xi periklu ta' ħġieġ fi twieqi mkissra fl-ex Depot ġewwa l-Qajjenza – Il-Kunsill kien diġà wettaq din it-talba;

14.14.05 Talba għal stage tal-karrozza tal-linja fi triq li tagħti għall-ajruport – L-applikant għandu jiġi magħraf li l-inħawi indikati minnu ma jaqawx fil-konfi tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa;

14.14.06 Talba minħabba nuqqas ta’ parkeġġ fi Triq Nazzarenu – Aparti li hemm xi ħsieb għal xi proġetti, però din it-Triq ma teżistiex ġewwa Birżebbuġa;

14.14.07 Talba għal ‘sleeping policeman’ fi Triq il-Ġebel – Il-Kunsill sa din id-data kien diġà għamel l-applikazzjoni tiegħu mat-Transport Malta

14.14.08 Ilment minn resident dwar rimi ta’ skart illegali fl-inħawi tal-Qajjenza – Fil-ġranet li ġejjien il-Kunsill flimkien mal-LESA ser ikunu jiddiskutu servizz tal-installazjoni tas-CCTV ġewwa bnadi rrapurtati ta’ rimi ta’ skart. B’dan l-ilment ukoll ser ikun riferrut lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, peress li ta’ spiss l-uffiċjali jkunu qed josservaw postijiet madwar Malta;

14.14.09 Talba għal parkeġġ riservat għal bejjiegħ fi Triq San Fillep – Fil-preżent il-Kunsill qed jaħdem sabiex diversi ħwienet tal-merċa jkollhom il-parkeġġ bil-ħin li jservi bħala loading/un-loading;

14.14.10 Kumment fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill fuq ħofra quddiem residenza fi Triq l-Imnarja – Il-Kunsill ser javviċina lil Infrustructure Malta dwar dan l-ilment, kif ukoll lil Perita tal-Kunsill;

14.14.11 Mistoqsija minn residenta jekk l-għelieqi quddiem Triq il-Merżuq fil-Qajjenza humiex propjetà tal-Gvern Lokali – Il-Kunsill stqarr li dawn l-għelieqi huma privati, però għandu jressaq l-ilment ta’ rimi ta’ skart illegali lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi;

14.14.12 Talba għal tagħrif jekk ix-xogħlijiet fuq il-prominad tal-Qajjenza sarux mill-Kunsill jew minn etitajiet oħra - Il-Kunsill informa li dawn ix-xogħlijiet kienu saru mill-Gvern Ċentrali;

14.14.13 Talba minn organizzazzjoni sabiex jipproponu proġett ta’ kontra l-Bullying liż-żgħażagħ – Il-Kunsill ser ikun qed isegwi din it-talba;

14.14.14 Talba għal ritratt tas-Sur Sindku għal għaqda mmexxija mill-Maltin ġewwa l-Kanada – Il-Kunsill laqa’ din it-talba;

14.14.15 Talba mill-Olanda għal ġbir ta’ kartolini u stickers mhux użati – Il-Kunsill ma għandux din ir-rikjesta;

14.14.16 Talba mill-iskola primarja għal sponsor fuq proġett imniedi mill-iskola – Il-Kunsill talab għal aktar informazzjoni u ppreżentazzjoni ta’ dan il-proġett;

14.14.17 Talba għal kopja tal-pjanta oriġinali tal-Fortizza San Luċjan – Il-Kunsill għandu jagħraf lil dan l-applikant illi l-Fortizza ta’ San Luċjan ma tifformax parti minn Birżebbuġa;

14.14.18 Talba għal approvazzjoni minn entità mhux governattiva għal twaħħil ta’ tabella li tindika lit-turisti għal Borg in-Nadur – Il-Kunsill laqa’ din it-talba;

14.14.19 Talba għal tiswija fi Triq ix-Xerriek – Il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk din it-triq tifformax parti minn Birżebbuġa.

## 14.15 Il-vann tal-Kunsill

14.15.01 Sar qbiel u ttieħded deċiżjoni li l-vann tal-Kunsill ma jibqax f'idejn il-ħaddiem wara l-ħin tax-xogħol. Dan għandu temporarjament, għal issa jipparkjah fil-parkeġġ riservat għal Kunsill ħdejn l-uffiċċju u jħalli ċ-ċavetta l-uffiċċju. Il-ħaddiem għandu jiġi avvżat b'din il-bidla. Sar qbiel sabiex il-garaxx tal-Kunsill għandu jitnaddaf mill-imbarazz sabiex din il-vettura tibda tiġi pparkata ġo fih speċjalment matul il-lejl u fil-ġranet ta' bla użu.

14.15.02 Kien hemm qbiel ukoll fuq l-istess suġġett, sabiex il-vann jitweħħlulu stickers fil-ġenb tal-bibien bl-arma li jindikawh bħala propjeta tal-Kunsill Lokali.

**Il-laqgħa qabżet il-ħin stipulat u għaldaqshekk għaddiet b'mozzjoni sabiex tkun estendita bi tletin minuta oħra. Il-proponent kien il-kunsillier Caruana, sekondat mill-kunsillier Zammit.**

## 14.16 Xogħlijiet li għaddejjin preżenti

14.16.01 Il-Kunsillier Caruana għandu jiltaqa' mal-perita tal-Kunsill u jaġġorna lil membri kollha bix-xogħlijiet kollha li l-perita ser twieġeb għalih;

14.16.02 Il-Kunsillier Mifsud talbet sabiex jitneħħa l-hedge minn madwar il-Bajja s-Sabiħa,

14.16.03 Il-Kunsillier Mifsud staqsiet jekk hux ser jinżebgħu n-numri fl-art fejn jarmaw il-bejjiegħa tal-Monti – il-kunsillier Zammit oġġezzjona għal din it-talba;

14.16.04 Saret proposta mill-kunsillier Caruana sabiex il-librerija ż-żgħira li riċentament kienet ivvandalizata, titpoġġa biswit l-għassa tal-pulizija. Din il-proposta ġiet milqugħa mill-kunsilliera l-oħra

## 14.17 Kwotazzjonijiet għal xogħlijiet

14.17.01 Kwotazzjonijiet għas-servizz tal-Public Convience – Il-Kunsill Lokali rċieva ħames applikazzjonijiet f'dan ir-rigward. Wara li l-Kunsill evvalwa l-offerti kollha mitfugħa, wasal għal konklużjoni sabiex din is-sejħa toħroġ permezz ta' tender minħabba li l-prezzijiet mitfugħa kienu drastikament għoljin. Il-Kunsill ser jara mill-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill min hu lest li jieħu ħsieb temporarjament sakemm jiġi ffinalizzat it-tender;

14.17.02 Il-Kunsill irċeva tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' makkinarju sabiex issir tindif ta' terrapin, qlugħ ta' ħadid fi Triq iż-Żebbuġ. Il-membri kollha qablu li jmorru għas-sejħa l-aktar vantaġġjuża li kienet ukoll l-orħos waħda, dik mitfugħa mill-kumpanija li ġġib l-isem Roc-A-Go Cranes Services;

14.17.03 Il-Kunsill approva x-xiri ta' 65 inch television bl-orħos prezz miġjub mingħand l-Ultimate għal valur ta' €757.00 lima prezz jinkludi wkoll il-brackets għall-installazjoni.

## 14.18 Aġġornament fuq l-iskate park

14.18.01 Sa din is-seduta, il-Kunsill kien għadu qed jistenna li ssir il-laqgħa pproposta bejn l-avukat għan nom ta' The Malta Trust Foundation u l-avukat tal-Kunsill

## 14.19 Proċeduri għal talbiet ta' xogħlijiet

14.19.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv saħaq fuq il-proċedura li kif titlob il-liġi għal sejħiet ta' servizzi mogħtija lil Kunsill. Għal mertu tal-awdituri, il-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li jitlob għal tliet kwotazzjonijiet mingħand aġenti, kuntratturi, kumpaniji differenti għal talbiet ta' servizzi jew xogħlijiet relatati mal-Kunsill. Dan it-taħriġ isir sabiex ma jsirux abbużi jew lok ta' abbuż jew kunflitt ta' interess partikolari;

14.19.02 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tkellem ukoll fuq l-importanza tad-dokumenti kollha meħtieġa meta kunsillier ikun ser jorganizza xi attività. L-uffiċjali amministrattivi ġewwa l-Kunsill qegħdin jiffaċċjaw problemi meta jasal il-ħlas. Dan sempliċiment minħabba n-nuqqas tad-dokumenti kollha, li wkoll qed isservi ta' dannu għall-Kunsill;

14.19.03 Il-kunsillier Baldacchino enfasiza wkoll fuq l-importanza tal-auditing qabel ma jibda fis-seħħ il-kariga s-segretarju eżekuttiv.

## 14.20 Aġġornament

14.20.01 Il-laqgħa aġġornat fl-għaxra nieqes għoxrin ta' filgħaxija (21:40). Il-Kunsill qabel li ser jerġa jiltaqa' għal laqgħa straordinarja sabiex jiddiskuti r-rapport finanzarju annwali għas-sena 2019. Sar ftehim ukoll li s-seduta li jmiss isseħħ nhar l-Erbgħa, 4 ta' Marzu fis-sitta ta' filgħaxija (18:00), ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill.

Konfermati, illum 4 ta' Marzu, 2020.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Aġent, Segretarju Eżekuttiv |

*Proponent għal dawn il-Minuti kienet il-kunsillier Josette Busuttil, sekondata mill-viċi Sindku Scott Camilleri.